**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Lulju 2025**

**Avviz Numru: 195/2023 MLF**

**Schembri and Sons Ltd.**

**vs**

**Mark Max Ebejer u b'digriet ta' tal-20 ta' Lulju 2025 isem il-konvenut gie korrett ghal "Max Junior Ebejer"**

Il-Qorti,

1. Rat it-talba tas-socjeta attrici fejn talbet li l-konvenut jigi ikkundannat ihallasha is-somma ta' sitt elef u mitt Ewro (€6,100) oltre l-imghax legali, jew kwalsiasi somma ohra verjuri li din l-Qorti joghgobha tillikwida, rapprezentanti bejgh ta' pre-stressed concrete slabs u dan skond ma jirrizulta mis-sale transaction report mmarkat bhala "DOK A" anness mar-rikors promotur.

   Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 35/2023 tal-11 ta' Jannar 2023, mmarkata bhala "DOK B" u annessa mar-rikors promotur, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effetiv.

2. Rat li l-konvenut ma deherx ghas-seduti mizmuma, ghalkemm kien debitament notifikat skond il-ligi, u mill-atti lanqas jirrizulta li pprezenta risposta.

3. Semghet ix-xhieda ta' Matthew Xerri – impjegat tas-socjeta attrici.

4. Rat l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u d-dokumenti esebiti.

5. Rat li fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2025, din il-Qorti iddikjarat l-istadju tal-provi tal-konvenut maghluq.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. Mix-xhieda ta' Matthew Xerri impjegat tas-socjeta attrici, u d-dokumenti ezebiti jirrizulta li l-ammont pretiz huwa dovut in konnessjoni ma' bejgh ta' pre-stressed concrete slabs mis-socjeta attrici lill-konvenut. Matthew Xerri ikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont pretiz fir-rikors promotur kien ghadu dovut fl-intier tieghu.

7. Kif diga inghad, il-konvenut naqas li jidher ghas-seduti mizmuma, minkejja li kien debitament notifikat. Huwa ma ipprezentax risposta u lanqas ressaq provi. Mill-atti ma jirrizultax li l-konvenut ghandu xi raguni valida sabiex ma jhallasx dan l-ammont.

8. Ix-xhieda ta' Matthew Xerri ma hija bl-ebda mod kontradetta mill-provi, u din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni valida ghalfejn tiddubita mill-veracita ta' din ix-xhieda u tad-dokumenti ezebiti in sostenn tat-talba.

**Konkluzjoni**

9. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

    1. tilqa' t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitt elef u mitt Ewro (€6,100) lis-socjeta attrici, bl-imghax mit-28 ta' Novembru 2024 – id-data tan-notifika tal-avviz promotur – sad-data tal-pagament effettiv.

2. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri, inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 35/2023 mahruga fil-11 ta’ Jannar 2023, ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**